# Bidla Kbira li Rajt minn Tfuliti sa Xjuħiti



Eddie Camilleri

Twelidt fil-belt industrijali ta' Detroit u ftit snin wara sibt ruħi fir-raħal tal-Mellieħa, fiċ-ċkejkna Malta. Ġabuni l-ġenituri tiegħi li għaddew xi snin fl-Amerka, fejn kienu marru bħala emigranti u wara ġew lura lejn art twelidhom. U jiena sibt ruħi f'ambjent ġdid bi drawwiet ġodda li jidhru strambi iżda bil-mod il-mod, tidrahom ukoll. Dak li għaddejt minnu hu dak li se nikteb fuqu minn tfuliti sal-lum. Għaddew ħafna snin, ġraw ħafna affarijiet. Sar tibdil kbir u ħafna minn dan it-tibdil ħalla fuqi l-marki tiegħu u issa sar biċċa minni. Niftakar li meta wasalna mill-Amerka fuq il-vapur li kien jismu "Majestic", morna noqogħdu f'dar għal xi żmien fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u wara morna fi triq oħra, Triq il-Mitħna l-Qadima, qrib ix-xifer tal-Miżieb. Ħafna affarijiet kienu jidhru differenti, id-djar, it-toroq, ma tantx kienu jaqblu ma' dawk ta' l-Amerka. X'ħin jidlam, kien ikollhom xi lampa li tixgħel bil-pitrolju. X'ħin kont tixghel fid-djar f'Detroit, kemm tagħfas buttuna u jiġi d-dawl. Dak iż-żmien ma kellniex dawl elettriku fil-Mellieħa. Dan kien fis-sena 1932 u għaddew ħafna snin biex wasal id-dawl elettriku fil-Mellieħa. Fi bliet u postijiet oħra f'Malta kellhom elettriku imma l-Mellieħa kollox kien jasal bil-mod. Biċ-ċajt konna ngħidu "Il-Mellieħa kollox għat-telgħa". Id-dawl elettriku fil-Mellieħa wasal fl-1947. Dan ifisser li barra d-dawl, konna mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li jaħdmu bl-elettriku. Kif spiċċat il-gwerra, jiġifieri wara l-1945, kemm il-Knisja u anke ż-żewġ Każini, l-"Imperial" u "La Vittoria" raw kif għamlu u rranġaw li jkollhom il-ġeneratur tagħhom. Però fil-festa tal-Vitorja, il-ġeneratur tal-Knisja ma kienx biżżejjed biex idawwal il-faċċata tal-Knisja, il-pjazza u toroq oħra. Għalhekk kien jinbena ġeneratur kbir biżżejjed għal dan id-dawl kollu.

## In-Nar fil-Festa tal-Bambina

Fil-festa ma tantx kien ikun hawn nar għax dak iż-żmien, ma tantx kien hawn dilettanti. Il-każini kienu jieħdu ħsieb in-nar tagħhom. Aktarx kien ikollhom xi kaxxa infernali għal wara li jindaqq l-Innu Ad Unur tal-Bambina. Dak iż-żmien, in-nar kien jinħaraq mix-Xagħra ta' l-Għoljiet tal-Mellieħa jew mill-għelieqi tal-Wied tal-Madonna. Meta f'dawn in-naħat beda jiżdied il-bini, in-nies li kienu joqogħdu fil-qrib, bdew jaraw il-periklu u pprotestaw u spiċċa n-nar minn dawk in-naħat. Wara, in-nar beda jinħaraq mix-xagħra ta' fuq l-għerien ta' fuq Ġnien Ingraw. Tajjeb li ngħidu li f'dawn l-aħħar snin, id-dilettanti tan-nar ħadmu ħafna biex jiġbru l-flus u jżidu fin-nar tal-festa. In-nar żdied u n-nies fil-festa żdiedu wkoll. Il-folol tan-nies li jkun hemm fi Triq Ġnien Ingraw u Triq il-Wied waqt il-ħruq tan-nar juruna li ħafna nies fil-festa jiġu l-Mellieħa biex jaraw il-purċissjoni u jgawdu l-logħob tan-nar. Jalla dan il-ħruq tan-nar jibqa' jsir bil-galbu u bil-għaqal biex ma jkollniex inċidenti. Niftakar li wara l-gwerra kienu jixtru xi ftit murtali mill-kamra tan-nar ta' Ħal Lija. Dawn il-murtali qishom fetħu l-aptit għad-dilettanti tan-nar.

## Is-Santwarju

Dan kien l-ewwel post li serva bħala parroċċa. L-art tas-Santwarju kienet kollha oqbra għax sas-snin 1936, kien għadu jsir id-dfin fil-knejjes u d-dfin fil-Mellieħa kien isir fis-Santwarju. Iċ-Ċimiterju ta' wara l-knisja diġà kien hemm però fih kienu jindifnu biss, għall-ewwel, dawk li jkunu mietu b'xi mard li jittieħed.

Jiena niftakar lill-Kappillan Andrea Fenech u meta spiċċa ġie warajh il-Kappillan Franġisk Xuereb. Kien fi żmien dan il-Kappillan li fis-Santwarju sar ix-xogħol ta' l-irħam li naraw illum. Fih saret bidla kbira li għadna ngawduha sal-lum. Fuq is-Santwarju hemm ħafna xi tgħid. Niftakar li x-Xbieħa tal-Madonna, li hemm fuq il-blat, kienet tkun mgħottija b'biċċa drapp tal-bellus u kienet tinkixef biss nhar t'Erbgħa, nhar ta' Sibt u l-Ħadd. Niftakar nies jitilgħu għarkobbtjehom minn fejn il-bieb ta' wara sa l-artal biex ikomplu xi wedgħa li jkunu għamlu għal xi grazzja li jkunu qalgħu għall-fejqan ta' xi ħadd. Wegħdi bħal dawn kienu jsiru ta' spiss. Irrid ngħid ukoll li ħafna tiġijiet kienu u għadhom ħafna jsiru fis-Santwarju u anke pellegrinaġġi kienu u għadhom jiġu ħafna fis-Santwarju. Il-pellegrini li jiġu jħossu ruħhom kburin jgħidu "Morna l-Madonna tal-Mellieħa". Il-festa ta' l-inkurunazzjoni tal-Madonna

ssir fl-eqreb Ħadd ta' l-24 ta' Settembru u għalhekk il-Melleħin kienu jgħidu "Ikollna tliet festi fi żmien qasir". Dawn huma l-festa tal-Vitorja, dik tas-Santwarju u dik tar-Rużarju li tkun iċċelebrata fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru.

## Il-Parroċċa

Għal żmien twil, meta l-furbani u l-ħallelin tal-baħar kienu jinżlu fuq ix-xtut tagħna, ħafna nies marru jgħixu lejn in-Naxxar u f'postijiet oħra u b'hekk il-popolazzjoni tal-Mellieħa naqset ħafna. Imma fl-1841, il-Mellieħa nqatgħet minn Naxxar u reġgħet saret parroċċa mill-ġdid. Il-funzjonijiet kollha kienu jsiru fis-Santwarju. Mal-miġja ta' l-Ingliżi f'Malta, aktar nies bdew jiġu joqogħdu lejn dawn in-naħat. Ix-xogħol beda jiżdied u iżjed familji bdew jersqu lejn il-Mellieħa. Xi Melleħin marru fejn il-Kappillan Dun Pawl Le Brun biex jitlob lill-gvern jagħti l-art għall-bini. Dan kien fis-sena 1848. Il-Gvern laqa' t-talba tal-Kappillan u bil-permess ta' l-Isqof, twaħħlet karta mal-bieb tal-Knisja li kienet tgħid li dawk li xtaqu biċċa art għall-bini kellhom jinkitbu u ftit wara ħarġu permessi biex jinbnew 23 dar fil-Mellieħa. Ftit wara saret talba oħra biex jinbnew aktar djar u l-permessi l-ġodda ħarġu wkoll. Dan kien il-bidu. Il-Mellieħa bdiet tikber u l-popolazzjoni dejjem tiżdied tant li l-Kappillan Magri ħass il-bżonn li tinbena Knisja ġdida. Is-Santwarju kien sar żgħir għar-raħal li kien qiegħed dejjem jikber. Bl-entużjażmu tal-Kappillan, bil-ftit għajnuna li ġiet minn barra mill-Mellieħa u bix-xogħol u s-sagrifiċċji kbar tan-nies tal-post, il-Knisja l-ġdida tlestiet. Issa kollox beda jsir fil-Knisja l-ġdida li kienet ferm akbar. Semmejt dan għax inħoss li hu importanti li n-nies tal-lum ikunu jafu x'għamlu ta' qabilna u jiftakru fihom fit-talb tagħhom. L-art tal-Knisja ma kenitx bl-irħam u lanqas kellna l-bankijiet li għandna llum. Kellna biss siġġijiet u kulħadd kien jagħti xi ħaġa żgħira tas-siġġu u għall-inqas ikollok fejn toqgħod bilqiegħda fil-quddies.

## L-Ewwel Toroq tar-Raħal fil-Qalba Tiegħu

Il-qalba tar-raħal kienet qrib is-Santwarju għax dak iż-żmien, il-Knisja kienet l-iżjed post li kienu jfittxu l-Maltin u nies oħra li kienu jiġu l-Mellieħa. Irridu niftakru li sas-sena 1841, il-Mellieħa kienet bdiet issir raħal u bdiet tieħu r-ruħ għax il-biża' tal-furbani u attakki oħra bdew bil-mod il-mod jonqsu. It-toroq priniċipali kienu Triq il-Kbira, Triq il-Kappillan Magri, Triq il-Parroċċa, Triq il-Mitħna l-Qadima, Triq il-Mitħna l-Ġdida u Triq it-Tramuntana. Iċ-ċensiment li sar bejn wieħed u ieħor dak iż-żmien sab li f'dawn l-inħawi kien hawn xi 1700 ruħ, il-biċċa l-kbira nies foqra. Kienu ftit imma kien il-bidu. Kien l-ewwel pass li l-Mellieħa bdiet tikber. Meta nħares lura lejn tfuliti u niftakar kif il-Mellieħa bdiet tikber u minn post imwarrab sar raħal, żviluppa u sar popolari ħafna u bdew ifittxuh għax jixtiequ jgħixu fih. L-ewwel pass kien il-bini tal-pont li jgħaqqad Triq Dun Franġisk Sciberras ma' Triq il-Kbira. Inbnew numru ta' djar. Proġett ieħor kien il-bini li sar fil-qasam tad-Djar ta' Pennellu u l-bini li tela' fejn l-iskola tal-Gvern. Kien ta' ġid ukoll il-bini li sar fuq l-Għoljiet tal-Mellieħa u l-bini li sar fil-qasam ta' Santa Marija u fi Triq l-Assedju u fil-qrib. Ma ninsewx il-bini li qiegħed jiżdied u jinfirex fl-inħawi ta' Għajn Żejtuna. Fil-bidu kien hemm barranin biss u wara, kemm hawnhekk u anke fil-Qortin, daħlu l-Maltin ukoll. Fi tfuliti, niftakar in-nassaba u l-kaċċaturi jfittxu xi razzett jew xi kamra fejn jgħaddu xi żmien biex igawdu n-namra tagħhom tal-kaċċa fi żmien il-gamiem jew għall-insib ta' l-għasafar. Illum l-affarijiet inbidlu u l-post fejn kien hemm il-mansab lanqas tagħrfu. Hekk sejra l-ħajja u l-arloġġ ma twaqqfux.

## Il-Flus

Semmejt xi bidliet li rajt u għaddejt minnhom. Għal dawk li għadhom żgħażagħ jew tfal, dawn il-bidliet huma storja tan-nanniet, storja taż-żmien li għadda. Semmejt ħafna affarijiet li nbidlu u nispiċċa billi nsemmi l-flus, bidla kbira li se naraw. Niftakar il-flus Ingliżi li konna nużaw sa ħafna snin ilu. Kellna sitt ħabbiet, is-sold, sixpens (6 soldi), xelin (2 soldi) u muniti ta' 3 soldi, oħra tal-fidda tiswa 2 xelini, oħra ta' tmintax irbiegħi (2 xelini u 30 sold), karta ta' nofs lira (10 xelini) u karta tal-Lira (20 xelin). In-nies kien għadhom jitkellmu bl-iskud (20 sold). Ma kellniex munita ta' l-iskud imma, speċjalment il-bdiewa, għadhom isemmu l-għaxar skudi u l-għoxrin skud. Fil-gwerra (1939-1945) billi kien hawn l-biża' ta' invażjoni mill-għadu, ħafna flus inġabru u ħarġu flus tal-karti li kienu jiswew għal Malta biss. Malli spiċċat il-Gwerra, dawn il-flus ma baqgħux jintużaw.

Għaddew is-snin u daħħalna flus Maltin, il-flus deċimali. Mal-muniti li kellna żidna wkoll il-milleżmi. Barra l-karti ta' 2 Liri u 5 Liri, żdiedu wkoll ta' l-10 Liri u 20 Lira. Fuq il-muniti tal-metall rajna xbiehat ta' ħut, annimali u tal-merill fuq il-Liri. Issa, f'Jannar ta' l-2008, se naraw flus ġodda li nittamaw mhux se jkunu jiswew għal Malta biss. Meta l-poplu jidra dawn il-flus (flus Ewro), l-użu tal-flus jgħin biex il-bejgħ u x-xiri jkun eħfef. Nispera li jien narahom u nużahom dawn il-flus. Nittama li l-poplu Malti ma jkollux aktar bdil fil-valur tal-flus. Il-Mulej iżomm idejh fuqna lkoll, iberikna u speċjalment aħna l-Melleħin, inżidu dejjem iżjed l-imħabba tagħna lejn il-Kbira Ommna Marija. Bħall-Amerikani ngħidu "Fil-Mulej nafdaw", "In God We Trust".